MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru 537/1999

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)
vs
Reuben Micallef

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Reuben Micallef, detentur tal-karta ta’ l-identita Nru 421974(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f’April 1999 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, jew ghal haddiehor, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, u cioe’ billi gahmel zewg settijiet ta’ number plates foloz CAH 202 u EAD 495 ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokkument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement

ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ghamel set ta' number plates foloz CAH 202 u EAD 495, ai termni tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregista ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha mibjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-23 ta' Mejju, 2002.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta' l-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 183 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor kienu s-segwenti. F'April, 1989 waqt illi l-pulizija kienet qeghda tinvestiga serq ta' vettura tal-ghamla Ford Transit, kienet ghamlet tfittxija fil-garaxx ta' certu Marco Attard f'Tal-Handaq, limiti ta' Hal-Qormi. Il-pulizija sabu mutur tal-ghamla Perga bin-numru ta' registrazzjoni BAE 295 li deher li kellu n-numru ta' registrazzjoni maghmul minn sticker.

Illi kien hemm ukoll vettura tal-ghamla Peugeot 205 ipparkjata barra l-imsemmi garaxx u din kellha numru ta' registrazzjoni CAH 202 li wkoll kellha n-numru tar-

registrazzjoni li kien jidher li kien maghmul minn sticker, li certament ma kienx dak mahrug mid-dipartiment tal-licenzji.

Illi minn aktar stharrig illi ghamlet il-pulizija irrizulta illi dan l-istess Attard indika lill-pulizija illi dawn l-istickers kienu gew maghmula ghand l-imputat.

Illi l-pulizija investigat lill-imputat illi ikkonferma dak kollu illi Attard kien stqarr mal-pulizija. L-imputat qal lill-pulizija illi Attard kien avvicinah, talbu jaghmillu l-imsemmija number plates bil-computer u l-imputat fil-fatt hekk ghamel, ghamillu dawn in-number plates bil-computer u ta' dan ix-xoghol Attard kien hallsu s-somma ta' madwar hmistax il-lira.

Illi l-Ufficjal Prosekutur stqarr illi l-imputat ikkopera ferm mieghu matul l-investigazzjoni u fil-fatt l-imputat filwaqt illi ammetta f'dawn il-proceduri, anke fl-istess stqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija ammetta dak kollu illi kien ghamel.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena ghalhekk il-Qorti wara li qieset il-fatti illi l-imputat ikkopera mal-pulizija u irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi huwa ma ghamilx xi qliegh konsiderevoli minn l-att illi huwa ikkommetta, il-Qorti filwaqt illi tikkundannah ghall-prigunerija ta' tlettax il-xahar tordna illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 din il-prigunerija ma ghandhiex tibda isehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum l-imputat ma jikkomettix reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-konfiska il-Qorti wara illi rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tiddikjara illi bil-fors trid tordna l-konfiska, pero' mhux ghal dak illi jirrigwarda il-computer bin-numru RMK 002, peress illi kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada, mill-ezamijiet forensici li saru fuq

dan il-computer, irrizulta illi dan il-computer ma intuzax sabiex twettaq ir-reat odjern u ghaldaqstant dan il-computer ma ghandux jigi konfiskat, izda l-apparat kollu l-iehor li gie elevat mill-pulizija huwa suggett ghall-konfiska.

Finalment il-Qorti ma tilqax it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 peress illi dawn l-esperti ma gewx mahtura matul il-kors tal-kumpilazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------